31995R1664

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE)

Nru 1664/95 tas-7 ta' Lulju 1995

li jemenda r-Regolamenti fis-settur taċ-ċereali, taż-żerriegħa taż-żejt u tal-wiċċ tar-raba tal-proteini ffissati qabel l-1 ta' Frar 1995 ċertu prezzijiet li l-valuri tagħhom fl-ECU ġew aġġustati minħabba l-abolizzjoni tal-fattur korrettiv fl- konverżjoni tar-rati tal-kambju ta' l-agrikoltura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità tal-kontijiet u r-rati tal-kambju li jridu jiġu applikati għall-għanijiet tal-politika agrikola komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 150/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 (1) tiegħu,

Billi b'effett mill-1 ta' Frar 1995, l-Artikolu 13 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 jibdel il-valur fl-ECU ta' ċertu prezzijiet u ammonti sabiex jinnewtralizza l-effett ta' l-abolizzjoni tal-fattur korrettiv ta' 1,207509 li sal-31 ta' Jannar 1995 affetwa l-konverżjoni tar-rati tal-kambju użati fl-agrikoltura;

Billi l-valuri ġodda fl-ECU tal-prezzijiet u ta' l-ammonti interessati ġew stabbiliti fl-1 ta' Frar 1995 skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 13 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 u l-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (KEE) Nru1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar ir-regoli ddettaljati stabbiliti u applikati fil-konverżjoni tar-rati tal-kambju ta' l-agrikoltura [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1053/95 [4];

Billi, skond l-Artikolu 18 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93, għalbiex tiġi evitata l-konfużjoni u biex titħaffef l-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni, il-prezzijiet li jieħdu l-post ta' l-ECU u l-valuri tiegħu għandhom jiġu ffissati biex japplikaw mill-inqas mill-:

— 1 ta' Jannar 1996 għall-ammonti li ma jiġux affetwati minn sena ta' suq,

— mill-bidu tas-sena tas-suq 1996 fil-każ tal-prezzijiet u l-ammonti li għalihom din is-sena tas-suq tibda f'Jannar 1996, u

— mill-bidu tas-sena tas-suq 1995/96 fil-każi l-oħra,

li huma fost l-istrumenti legali li jidħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Frar 1995;

Billi l-garanziji skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 1528/95 [6], u r-Regolamenti tiegħu ta' implimentazzjoni huma diġà f'livell approprjat sabiex jiżgura dan l-obbligu; billi huwa għalhekk mhux meħtieġ li jiġi applikat il-fattur tal-konverżjoni ta' 1,207509 għal dawn il-garanziji;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv interessat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Bħala konsegwenza ta' l-aġġustament ta' ċerti prezzijiet u ammonti fl-ECU fis-settur taċ-ċereali, taż-żerriegħa taż-żejt u ta' l-uċuh tar-raba tal-proteina li jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Frar 1995, skond l-Artikolu 13 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 u ta' l-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93, l-instrumenti legali referiti fl-Artikolu 2 għandhom jiġu emendati kif stabbilit fihom.

L-Artikolu 2

1. L-ammonti ta' l-għajnuniet speċifiċi li japplikaw għall-Portugall, ipprovvduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3653/90 [7], huma mibdula bl-ammonti li ġejjin:

[1] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 22, tal-31.1.1995, p. 1.
[3] ĠU L 108, tal-1.5.1993, p. 106.
[4] ĠU L 107, tat-12.5.1995, p. 4.
[5] ĠU L 181, tal-1.7.1992, p. 21.
[6] ĠU L 148, tat-30.6.1995, p. 3.
[7] ĠU L 362, tas-27. 12. 1990, p. 28.

(fl-ECU/tunnellati metriči)

	1995/ 1996	1996/ 1997	1997/ 1998	1998/ 1999	1999/ 2000	2000/ 2001	2001/ 2002	2002/ 2003
"Il-qamħ komuni	96,54	86,12	75,40	64,38	53,00	41,13	28,67	15,27
Il-qamħirrum	49,89	43,66	37,42	31,18	24,95	18,72	12,47	6,23
Ix-xgħir, it-trticale, is-segala	63,19	55,28	47,39	39,48	31,60	23,69	15,79	7,90
Is-sorgu tal-qamħ	43,37	37,95	32,53	27,11	21,69	16,25	10,84	5,42"

2. Fir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 1765/92 ([1]),

— it-tielet inċiż fl-Artikolu 4 (2), l-ammont ta' 45 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 54,34 ECU,

— l-aħħar inċiż fl-Artikolu 4 (3), l-ammont ta' 297 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 358,6 ECU,

— fl-Artikolu 4 (5), l-ammont ta' 115 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 138,9 ECU,

— fl-Artikolu 5 (1) (a), l-ammont ta' 163 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 196,8 ECU,

— fl-Artikolu 5 (1), l-ammont ta' 359 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 433,50 ECU,

— fl-Artikolu 6, l-ammont ta' 65 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 78,49 ECU,

— fl-Artikolu 7 (5), l-ammont ta' 57 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 68,83 ECU,

— fl-Artikolu 7 (6), l-ammont ta' 40 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 48,30 ECU,

3. Fir-Regolament (KEE) Nru 1766/92:

— fl-Artikolu 3 (3), il-prezz ta' 98,71 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 119,19 ECU,

— it-tielet inċiż fl-Artikolu 8 (1), l-ammont ta' 173,73 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 209,78 ECU,

— it-tielet inċiż fl-Artikolu 8 (2), l-ammont ta' 72 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 86,94 ECU,

4. It-tabella fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 762/94 ([2]) tiġi mibdula bit-tabella li ġejja:

(f'ECUwijiet)

Is-Sena tas-suq	1995/ 1996	1996/ 1997	1997/ 1998	1998/ 1999	1999/ 2000	2000/ 2001	2001/ 2002	2002/ 2003
Il-kumpens supplimentari	24,09	21,28	18,43	15,54	12,62	9,64	6,57	3,41

5. Fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 ([3]) l-ammont ta' 18,43 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 22,25 ECU.

6. Fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru1868/94 ([4]) l-ammont ta' 87 ECU jiġi mibdul bl-ammont ta' 105,1 ECU.

7. Il-garanziji ffissati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KEE) Nru 1765/92 u sabiex jiġu applikati r-Regolamenti tiegħu ma jiġux affetwati mill-fattur tal-konverżjoni ta' 1,207509.

([1]) ĠU Nru L 181, tal-1.7.1992, p. 12.
([2]) ĠU Nru L 90, tas-7.4.1994, p. 8.
([3]) ĠU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 4.
([4]) ĠU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 10.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika, għal kull ammont u prezz imsemmija fl-Artikolu 2 (1) sa (6), mid-data li fiha tiġi applikata l-ewwel rata tal-konverżjoni agrikola ffissata fl-1 ta' Frar 1995 jew wara.

Dan ir-Regolamenti għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Lulju 1985.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni